*tas-Saltna tiegħi*
*– is-Saltna ta' l-Imħabba –*
*u niftaħ il-bieb beraħ għall-baħħara*
*u nagħmlu festa kbira.*
*Għax dak ikun jum ġdid ta' fidwa għalina,*
*u nagħ'rfu li tassew aħna lkoll aħwa,*
*ulied l-istess Missier li qiegħed magħna.*
*U dak ikun jum kbir,*
*jum kollu dija,*
*għax tixgħel f' qalb kulħadd il-ħbiberija!*

12.xii.68 FR. EDWARD FENECH O.S.A.

## NEOKOLONJALIŻMU

*Bħal faxx duħħan abjad*
*imħolli wara ġett fis-seba' sema*
*jitwessa', jiċċara u ftit ftit jintilef fix-xejn*
*l-iżjed qarib lejn l-art,*
*flok bil-maqlub.*
*Hekk*
*il-bejgħ ta' Malta*
*lill-barrani –*
*sid minn dejjem*
*u llum iżjed minn qabel;*
*bejgħ*
*l-ulied qarrieqa ta' din l-art*
*li jgħarwnu l-potenzjal tal-lira tagħna:*
*ħlas għaraq xbin massa ħaddiema.*
*Is-sistema ultra-kapitalista ġdida*
*tħabbar invażjoni egoista*
*tassedjana*
*bla sabar u bla serħan*
*kif lill-flus jixraq*
*u jedd is-sid ipaxxi għalih biss,*
*ego privileġġjat über Alles*
*għax fqir kulħadd ħlief is-sinjur.*

*ġid moħbi jew imrekken barra artna,*
*investit f'kapriċċi spekulattivi,*
*ġid mormi jew imħaddan*
*flok imqassam*
*lill-vittmi "ċittadini".*
*djar kbar, ġodda u antiki,*
*patios,* swimming pools, *ġonna*
*bla mislufa lill-Maltin*
*mistkerrhin u mjassra*
*imċaħħda saħansitra minn fejn jgħumu,*
*jgħixu,*
*u minn fejn joqogħdu . . .*
*neo-kolonjaliżmu dan,*
*'ma kiefer iżjed minn ta' qablu*
*isallab biz-zkuk tagħna*
*ipatti sette giugno*
*u jistieden ieħor.*
*Batu, Maltin,*
*tqumux tissieltu jeddkhom,*
*sofru, sofru*
*Maltin mexxejja*
*qaddejja tal-istint flok*
*xempji tal-qlubija!*
*duħħan tabilħaqq dan,*
*jintefa qabel jasal l-art*
*u jservi skopijiet oħrajn*
*għajr dawk Maltija.*

23.vi.68 H. Frendo

## ARENA

*Għajjien*
*bit-toqol ta' piż li ma jidhirx.*

*Ħosbien*
*il-ħsieb ta' min ma jifhimnix.*

*Sogħbien*
*li l-mard ma ħelisnix.*

*Sturdut*
*minn kliem ilsieni misħut.*

*Maħqur*
*minn "ħbieb" izekzku għall-furur.*

*Skantat*
*quddiem ċaħda mill-ogħla xewqat.*

*Mirfus*
*fuq il-waħdi mill-indħil isus.*

*Bla tama*
*li nitwettaq qabel nagħma.*

*Maħrub*
*bil-ktajjen minn għonqi marbut.*

*Beżżiegħi*
*bħallikieku ħajti mbux tiegħi.*

*enigma,*
*għajjien,*
*xewqan lili nnifsi,*
*xewqan il-jien veru,*
*mitluf f'*treasure hunt *psikoloġika*
*li tross-u timbotta*
*minn taħt tbissim sfurzat*
*fuq l-irfis tax-xewqat*
*u ħbieb*
*jitħabbu ma' ħaddieħor*
*u jirkbu t-telfa tal-mument*
*iħeġġu l-gwerra . . .*
*fuq vittma qed tagħma u titħerra.*

3.vi68. H. FRENDO

## NON-EŻISTENZA

*il-kapsula tilfet triqitha*
*u l-alsatian russu qed jinbaħ bil-mod,*
*ir-radio transmitter jirtgħod,*
*iċekċek il-waqfien mix-xogħol . . .*
*l-alsatian jinxteħet u jimtedd,*
*jitħabat mal-maskra, il-għaraq ixedd,*
*jinħall u jogħla mill-art,*
*jerfa' l-ħadid b'rasu u jibqa' tiela' 'l fuq,*
*jibla' l-qamar f'nifs wieħed,*
*jdewbu f'ħalqu u jobżqu lix-xemx,*
*iħoss stilla tgħammixlu għajnejh*
*tiġrilu ma' griżmejh u tagħmih,*
*u jokrob l-aħħar nebħa minn taħt l-ilsien,*
*qabel ma l-ħaj,*
*fuq it-tilar,*
*jegħreq fin-non-eżistenza,*
*igħum imgħarraq fl-ispazju tal-vojt,*
*u bl-istimulu tal-pentatol fil-vina*
*jegħreq fid-demm ta' elf serduq*
*mingħajr ma jmut.*
*waqgħat kapsula f'ġuf ta' vulkan*
*u t-tqaxxira tan-nirien*
*dewbet il-ġilda taċ-ċimpanżee,*
*li waqa' f'dan l-abbiss . . .*
*jieħu xokk u jistenbaħ*
*bejn ħaj u bejn mejjet bl-uġigħ,*
*u jaħbat se jiżvoga ftit u jlissen*
*"ajma!"*
*meta fil-pront il-petidine*
*jissokta jiċċungah mill-ġdid*
*u jmiddu għal mejjet.*

8.ii.68 H. FRENDO